MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1633/1995/1

Giovanna armla minn Joseph Farrugia
u David Farrugia A&Ce, Vincent, Lino,
Pauline mart Paul Camilleri u Catherine
mart Mark Goulding
vs
Carmelo Farrugia

Il-Qorti:-

**Preliminari**

B'citazzjoni tal-25 ta' Ottubru, 1995 l-atturi wara li ppremettew illi l-ahwa Caterina u Giuseppe Camilleri wlied Carmelo kienu jippossjedu fi kwoti ndaqs bejniethom tlett kwarti mill-fond bil-gnien Nru 41 u 42 li qieghed iz-Zurrieq Triq San Martin kif suggett ghall-lira u ghaxar xelini cens annwu u perpetwu (Dok A u B); illi permezz ta' testment tal-24 ta' April tas-sena elf disa' mija u seba' u hamsin (1957) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vella Galea, Giuseppe Camilleri li miet nhar id-9 t'Awissu 1957 halla

b'titolu ta' legat ghaf-favur tal-Wisq Reverendu Sacerdo Don Paolo Farrugia, kappillan tal-Gudja, Anna mart Giovanni Cachia, Rosaria, xebba, Joseph u Carmelo, hames ahwa Farrugia, f'porzjon ugwali bejniethom, is-sehem indiviz kollu tieghumill-giardina retroposta ghall-fond numru tnejn u erbghin, Saint Martin Street, iz-Zurrieq kif soggetta ghac-cens annwu u perpetwu u dan kif jirrizulta ahjar mill-kopja tat-testment hawn annessa u markata bhala Dok C; illi l-istess legat kien suggett ghall-disposizzjoni ta' uzu u uzufrutt favur Caterina Camilleri kif jirrizulta mit-tielet artikolu (art.3) tat-testment hawn fuq indikat, li mietet fis-27 ta' Dicembru, 1975 (Dok D); illi s-sacerdot Don Paolo Farrugia Kappillan tal-Gudja miet fid-9 ta' Frar 1959 (Dok E) u wirtuh skond il-ligi l-erba' hutu cioe Anna Cachia, Rosaria xebba, Joseph u Carmelo ilkoll ahwa Farrugia; illi l-atturi kollha barra Giovanna Farrugia armla minn Joseph, huma l-werrieta universali fi kwoti ndaqs tal-missier Joseph Farrugia li miet intestat nhar it-18 ta' Jannar 1987 (Dok F); illi permezz ta' kuntratt in atti Dr Anthony Attard tal-4 ta' Marzu 1987 (kif sussegwentement korrett) l-attrici Giovanna Farrugia flimkien ma Anna mart Giovanni Cachia akkwistaw fi kwoti ndaqs bejniethom is-sehem ta' Rosaria xebba Farrugia mill-giardina sovraindikata (Dok G,H,I); illi l-atturi David Farrugia A&CE, Lino Farrugia, Catherine mart Mark Goulding, Pauline mart Paul Camilleri u Vincent Farrugia lkoll ahwa Farrugia ulied il-mejjet Joseph, permezz ta' kuntratt tad-19 ta' Jannar 1992 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin akkwistaw minghand Anna Cachia mart John fost hwejjeg ohra is-sehem taghha indiviz jew kull sehem u dritt li ghandha jew jista' jkollha mill-giardina msemmija; illi qatt ma saret divizjoni bejn Catherine u Giuseppe ahwa Camilleri tal-fond bil-giardina mieghu f'41-42 Triq San Martin iz-Zurrieq; illi l-konvenut Carmelo Farrugia kien akkwista s-sehem indiviz mill-fond 41-42 Triq San Martin fiz-Zurrieq bil-giardina mieghu minghand Caterina Camilleri; illi llum l-atturi jippossjedu bejniethom tlieta minn tmienja (3/8) partijiet indivizi tal-giardina retroposta ghall-fond 41 – 42 Triq San Martin iz-Zurrieq u l-konvenut jippossjedi hamsa minn tmienja (5/8) indivizi ta' l-istess; illi l-atturi ma jridux jibqghu in komunjoni mal-konvenut f'din il-proprjeta`; illi kienu saru diversi tentattivi

sew da parti tal-awtur tal-atturi kif wkoll da parti tal-istess atturi sabiex issir il-qasma tal-istess giardina retroposta ghall-fond numru 41 – 42 Triq San Martin Zurrieq u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi permezz ta' testment ta' Giuseppe Camilleri tal-24 ta' April 1957 aktar il-fuq indikat it-testatur iddispona illi Carmelo Farrugia u cioe il-konvenut ghandu jassenja lil hutu l-ohra dak il-porzjon mill-istess gardina li jghogob lilu ghas-saldu ta' sehemhom rispettiv u dan kif jirrizulta mill-kopja tat-testment hawn annes u markat Dokument A; illi l-konvenut Carmelo Farrugia gia unilateralment qabad u okkupa parti mill-gardina retroposta ghall-fond 41 – 42 f'Saint Martin Street, Zurrieq u dan billi bena parti mill-istess gardina; illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex jiehu dawk il-passi sabiex l-atturi jigu assenjati dik il-porzjoni spettanti lilhom mill-gardina retroposta l-fond 41 – 42 St. Martin Street, Zurrieq u dan stante illi huma ma jridux illi jibqghu fi stat ta' komunjoni mieghu baqa' inadempjenti; illi l-art de quo hija komodament divizibbli bejn il-partijiet; talbu li prevja d-dikjarazzjoni li l-proprjeta` de quo hija komodament divizibbli bejn il-partijiet, li din il-Qorti:-

1. tordna illi jsir pjan ta' divizjoni tal-gardina retroposta ghall-fond nru 41 - –2 St Martin Street, Zurrieq u dan okkorrendo permezz ta' l-opera ta' periti nominandi;
2. tordna kull wiehed mill-kontendenti jigi assenjat parti mill-beni skond l-istess pjan ta' divizjoni b'dan illi jekk jirrizulta illi l-valur ta' parti tiswa aktar minn parti ohra allura dak li jiehu l-parti b'valur gholi ghandu jhallas ekwiparazzjoni lill-partijiet l-ohrajn;
3. tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun, fil-gurnata, hin u lok iffissati mill-Qorti u kuraturi sabiex jidhru ghall-kontumaci fuq l-att ta' divizjoni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Awissu 1995 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt sabiex jidher u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Frar, 1996 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija irrita, inammissibbli u intempestiva peress illi l-atturi huma biss legatarji ta' xi porzjonijiet indivizi tal-gardina u sal-lum ghadhom la talbu u lanqas gew immessi fil-pussess tal-istess porzjonijiet indivizi;
2. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' ghaxar snin skond il-ligi;
3. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ma huwiex minnu li l-atturi jippossjedu bejniethom tliet minn tmienja (3/8) partijiet indivizi tal-gardina.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Gunju, 1996 meta gie mahtur l-AIC Rene` Buttigieg bhala espert tal-Qorti u d-digriet taghha tal-11 ta' Ottubru, 1996 meta giet mahtura Dr. Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju, liema karigi gew sospizi in vista tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u dana b'digriet tal-20 ta' Settembru, 2000.

Hadet konjizzjoni tal-provi u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti limitatament ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri l-atturi qed jitolbu d-divizjoni u assenjazzjoni ta' proprjeta` gejja lilhom, flimkien mall-konvenut, minn eredita` li tirrisali ghas-sena 1957 meta miet Giuseppe Camilleri.

Il-konvenut qed jressaq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-artikolu 845 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:-
"*L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew is-sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal illegittimi jew lil zewg jew mart il-mejjet, sew fis-successjoni b'testment kemm*

*ukoll dawk ab intestato, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni."*

Fir-4 artikolu tatt-testment tieghu tal-24 ta' April, 1957 fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Vella Galea il-mejjet Giuseppe Camilleri t-testatur iddisponu hekk:-
"*It-testatur qieghed ihalli b'titolu ta' legat, kif soggett ghall-uzufrutt imsemmi fit-Tielet Artikolu (Art. 3 ) ta' dan it-testment, ghaf-favur tal-Wisq Reverendu Sacerdot Don Paolo, Kappillan tal-Gudja, Anna mart Giovanni Cachia, Rosaria, xebba, Joseph u Carmelo, hames ahwa Farrugia, ulied il-mejjet Carmelo u Maddalena nee Camilleri, imwieldin u joqghodu kollu z-Zurrieq barra mill-imsemmi Kappillan Don Paolo Farugia li joqghod il-Gudja, f'porzjoni ugwali bejniethom, is-sehem indiviz kollu tieghu mill-imsemmija gjardina annessa mal-imsemmi terran Numru tnejn u erbghin, Saint Martin Street, iz-Zurrieq; u fl-istess waqt it-testatur jaghti l-fakolta` u d-dritt lill-imsemmi legatarju Carmelo Farrugia li jassenja lill-imsemmija erbgha hutu l-ohra dik il-porzjoni mill-istess gjardina li joghgob lilu ghas-saldu ta` sehemhom rispettiv mill-istess gjardina."* (enfazi tal-qorti).

F'dan l-istadju tal-kawza din il-qorti mhux ser tezamina jekk u kemm huma l-kwoti rispettivi tal-kontendenti mill-imsemmija gjardina li tifforma mertu ta' din il-kawza billi dawn huma konsiderazzjonijiet li ghandhom jsiru fi stadju ulterjuri. Biss jigi rilevat li Carmelo Farrugia li jissemma bhala wiehed mill-legatarji u li gie afdat bid-dmir li jaqsam l-istess gjardina u jassena lill-legatarji l-ohra l-kwota spettanti lilhom a saldu ta' sehemhom, huwa l-istess Carmelo Farrugia li jirrafigura bhala konvenut f'din il-kawza.

Bid-disposizzjoni testmentarja hawn fuq riprodotta l-istess konvenut kien gie mahtur mhux biss legatarju ta' sehem il-gjardina izda ukoll ezekutur in parte tal-volonta` tal-istess decujus billi huwa stess gie inkarigat li jaqsam u jassena l-istess gjardina. Jidher ghalhekk li kemm damet l-giardina f'idejn l-konvenut huwa mhux talli naqas milli jezegwixxi l-obbligu mpost fuqu talli jirrizulta li ghall-perjodu kollu involut huwa kien qed jiddetjeni l-imsemmi gjardina, ossia

sehem l-atturi, f'isem u ghan-nom l-atturi u issa qed jipprova jcahhad lill-istess legatarji d-drittijiet taghhom billi jistrieh fuq l-istess inadempjenza tieghu. Illi l-artikolu 2118 tal-Kodici Civili jipprovdi ghall-sitwazzjoni bhal din billi jinghad espressament li dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor ..... ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjes kontra tieghu, u tiddiferixxi l-kawza ghas-seduta ta' l-ewwel ta' Ottubru, 2003 sabiex tkompli tinstema', tigi trattata u deciza minn din il-Qorti preseduta mill-Imhallef Joseph R. Micallef.

--------------------------------TMIEM--------------------------------